# IS-SITT SENA

# MIRI TA' TAGĦLIM

# GĦAS-SITT SENA

| 6.1 IL-MESSAĠĠ T'ALLA: ĦU JĦOBBNA. | 6.2 ĠESÙ KRISTU HU R-RIGAL T'ALLA. | 6.3 ĠESÙ JAGĦTINA L-ISPIRTU TIEGĦU FIL-KNISJA. | 6.4 NIBNU L-KARATTRU TAGĦNA TA' NSARA. |
|---|---|---|---|
| 6.1.1 Nimxu t-triq tagħna lejn il-Missier. | 6.2.1 Il-Milied u l-Epifanija. | 6.3.1 Festa ta' San Pawl. | 6.4.1 Il-Liturġija tbiddel il-ħajja tagħna: l-Ewkaristija. |
| 6.1.2 Niffurmaw idea t'Alla kif verament hu. | 6.2.2 Marija taħt is-salib. | 6.3.2 Fir-Randan ninbidlu fl-Ispirtu tiegħu. | 6.4.2 Is-Sagramenti jibdluna. |
| 6.1.3 Kif nistgħu nersqu lejn Alla. | | | 6.4.3 Il-festi l-Kbar: ngħixu dak li niċċelebraw. |
| | | | *6.4.4* Fl-Għid inqumu ma' Ġesù. |

# PROGRAMM

# TAS-SITT SENA

## 6.1 DAN HU L-MESSAĠĠ T'ALLA: HU JĦOBBNA

| Miri Ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.1.1 Nimxu t-triq tagħna lejn il-Missier. | Insiru konxji ta' dak li għamel Alla permezz ta' Ġesù u nagħtu ġieħ lil Alla. |
| 6.1.2 Niffurmaw idea t'Alla kif verament hu. | Naraw fil-ħolqien li Alla huwa kbir, għaref u setgħan u ried jagħmilna wliedu u ried jibqa' magħna. |
| 6.1.3 Kif nistgħu nersqu lejn Alla. | Nindunaw li hu jħobbna u għalhekk nagħtuh qima. Nersqu lejh bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu u miegħu nagħtu qima lil Alla l-Missier. |

## 6.2 ĠESÙ KRISTU HU R-RIGAL T'ALLA

| Miri Ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.2.1 Il-Milied u l-Epifanija. | Nifirħu b'Ġesù, nippreparaw il-miġja tiegħu u nilqgħuh bħala l-Iben li ġie jgħix magħna. L-Epifanija hija s-sejħa li Ġesù jagħmel lill-bnedmin kollha. |
| 6.2.2 Marija taħt is-salib. | Ġesù bata għalina u Marija Addolorata riedet tbati miegħu. Inkunu aħna wkoll ħaġa waħda ma' Ġesù u ma' Marija. |

## 6.3 ĠESÙ JAGĦTINA L-ISPIRTU TIEGĦU FIL-KNISJA

| Miri Ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.3.1 Festa ta' San Pawl. | Fl-10 ta' Frar naraw kif Ġesù bagħtilna l-Ispirtu tiegħu permezz ta' San Pawl li ġabilna l-fidi f'Malta. |
| 6.3.2 Fir-Randan ninbidlu fl-Ispirtu tiegħu. | Nibdew it-tħejjija tagħna biex ma' Ġesù nirbħu d-dnub u l-mewt. |

## 6.4 NIBNU L-KARATTRU TAGĦNA TA' NSARA

| Miri Ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.4.1 Il-Liturġija tbiddel il-ħajja tagħna: l-Ewkaristija. | Inħossuna mistiedna, mhux obbligati, għall-Ewkaristija. Kull nhar ta' Ħadd Alla jistedinna biex nisimgħu l-kelma tiegħu, noffru lilna nfusna, u ningħaqdu ma' Ġesù fit-tqarbin. |
| 6.4.2 Is-Sagramenti jibdluna. | Permezz tas-sagramenti ħajjitna tinbidel f'ħajja aktar qaddisa li tixbah il-ħajja ta' Kristu. |
| 6.4.3 Il-festi l-Kbar: Ngħixu dak li niċċelebraw. | Inkomplu ngħixu fid-dinja dak li ċċelebrajna fil-quddiesa - morru fil-paċi. Dan nagħmluh bil-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħu, f'isem il-Missier u ma' l-Ispirtu li jgħammar fina. L-Amen tfisser dan kollu. |
| 6.4.4 Fl-Għid inqumu ma' Ġesù. | L-Għid, il-festa l-aktar importanti tal-Knisja, li fiha nqumu għal ħajja ġdida ta' mħabba u paċi. |